***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u ħdax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Dr. Paula Mifsud Bonnici kitbet lill-Kunsill fejn talbet li tiġi skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikati u għalhekk Dr. Paula Mifsud Bonnici ġiet skużata mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tliet mija u għaxar laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Greenpak – Ġbir ta' skart*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-fatt li nhar ta' Tlieta hemm residenti li xorta qed joħorġu l-iskart imħallat. Is-Sur G. Cuschieri ikkonferma dan il-fatt. Ġie deċiż li jinħarġu istruzzjonijiet biex issa li għadda 'l fuq minn xahar li daħlet l-iskema ġdida ta' ġbir ta' skart, il-Gwardjani Lokali jibdew jinfurzaw fir-rigward il-ħruġ ta' skart mhux separat.

Ġie suġġerit ukoll li l-kumpanija Greenpak tintalab tgħin billi tibgħat xi rappreżentanti għand dawk il-persuni li joħorġu skart imħallat.

Fil-5.38pm s-Sur Cedric Valletta daħal għal-laqgħa.

*4.2 Kanuni*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sallum ma waslitx il-pjanta mingħand il-*Public Works*. Huwa spjega li kien talab l-intervent ta' Dr. P. Mifsud Bonnici f'dan ir-rigward.

*4.3 Skema dwar Inizjattiva Kulturali 2011*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħallas lill-Kunsill is-somma ta' €7000 taħt l-iSkema dwar Inizzjattiva Kulturali 2011.

*4.4 Giovanni Obligato – Proposta ta' Ġemellaġġ*

Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-proġett ta' ġemellaġġ li ser japplika għalih il-Comune ta' Ciro f'Calabria l-Italja ser tonqos għall-25 parteċipant mill-Ħamrun. L-Unjoni Ewropeja tiffinanzja sa €5000 u għalhekk il-parteċipanti jkollhom iħallsu l-passaġġ ta' l-ajru. Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li kien ikkonferma din iċ-ċifra ma' uffiċċjal tal-MEUSAC waqt laqgħa li saret fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv. Ġie deċiż li s-Sur Obligato jiġi mistieden jattendi l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

*4.5 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Donazzjonijiet*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allegati donazzjonijiet. Id-Direttur talab li s-Sindku jibgħatlu kopja tal-korrispondenza li saret mal-Monitoring Unit .

4.6 ĦamrunFest

Is-Sindku informal ill-Kunsill dwar dak li ġara fir-rigward l-attivita HamrunFest., partikolarment dwar il-fatt li l-Manager tal-kantant Kurt Calleja kien bgħatlu messaġġ jumejn qabel l-attivita biex jgħidlu li Kurt kien ser ikun imsiefer. Is-Sindku spjega li kellu jagħmel arranġamenti alternattivi mal-kantant Freddie Portelli.

*4.7 Uniformijiet*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-uniformijiet ġew ordnati u waslu.

*4.8 Proċeduri għall-ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċeduri li jrid isegwi Kunsill Lokali biex issir ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv kien li tiġi segwita Artiklu 16 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20. Dan jispeċifika li ''Postijiet vakanti u/jew postijiet ġodda għandhom jimtlew permezz ta' sejħiet interni għal-applikazzjonijiet meħtieġa mill-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Lokali kkonċernat''.

Ir-rekweżiti minimi għall-mili ta' post ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (Skala 13) huwa regolat minn Artiklu 14 (3) (ii) ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20, jiġifieri żewġ suġġetti differenti f'livell Avvanzat u tlett suġġetti oħra f'livell Ordinarju jew tlett snin esperjenza fil-grad ta' Skrivana (Skala 15) ma' Kunsilli Lokali u suġġett għal-*performance* sodisfaċenti.

Il-Kunsill ħatar lis-Sindku, Viċi Sindku, s-Sinjura Carmen Borg u Dr. Paula Mifsud Bonnici flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv biex ifasslu sejħa interna għall-Ingaġġ ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (Skala 13) mal-Kunsill Lokali Ħamrun kif ukoll jiffurmaw il-Bord tal-Intervisti.

Ġie deċiż li l-persuna li tintgħażel għal din il-kariga tkun trid tassumi r-responsabiltajiet tal-*Job Description* ta' Uffiċċjal Eżekuttiv li jinkludu fost oħrajn dak li sservi bħala *Executive Assistant* tas-Segretarju Eżekuttiv. Dan sabiex fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv ikun hemm kontinwazzjoni fix-xogħol tal-Kunsill.

Fis-6.30pm s-Sindku ġie skużat u l-Viċi Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-18 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

*5.1 Ħamrun Liberty*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Ħamrun Liberty fejn talbu biex isiru 6 toqob bit-tappieri għall-armar tal-festa. Il-Kunsill iddeċieda li jsiru t-toqob bit-tappieri. Il-Ħamrun Liberty għandhom jiġu nfurmati li huma responsabbli mill-manutenzjoni tat-tappieri.

*5.2 Green MT - Laqgħa*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Green MT fejn talbu laqgħa biex jispjegaw dak li toffri l-kumpanija. Il-Kunsill innota li preżentament għandu kuntratt mal-kumpanija Greenpak. Minkejja dan ġie deċiż li l-Viċi Sindku jiltaqa' mal-kumpanija Green MT biex jara dak li għandhom x'joffru.

*5.3 PC Zone – Un/loading Bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-propjetarju tal-ħanut PC Zone fejn talab biex terġa issir *un/loading bay* li tneħħiet u tpoġġiet in-naħa l-oħra ta' Triq il-Kbira San Ġużepp minn Transport Malta. Is-Sur G. Cuschieri spjega li din diġa reġgħat inżebgħet. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.4 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni biex isiru erba' toqob għall-arbli tal-festa fi Pjazza Kappillan Muscat. Il-Kunsill approva li jsiru t-toqob.

5.5 *Monitoring Unit – Cash Collection Services*

Il-Kunsill ġie mitlub mill-Monitoring Unit fi ħdan i9d-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex joħroġ sejħa għall-kwotazzjoni għal-*Cash Collection Services*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sejħa filfatt saret u minkejja li saru l-avviżi fil-Gazzetti tal-Gvern u l-Independent kif stipulat bil-liġi l-kumpanija Group 4 biss ssottomettew kwotazzjoni. Il-Kunsill approva li jikseb s-servizz ta' *Cash Collection* mill-kumpanija Group 4 għal-ħlas ta' €17.70 kull vjaġġ.

5.6 *Transport Malta – Two Way Traffic fi Triq id-Duka ta' Edinburgh*

Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li qabel tkun tista tikkunsidra t-talba tal-Kunsill biex parti minn Triq id-Duka ta' Edinburgh issir *two-way* teħtieġ li jkollhom *site plan* li tindika d-direzzjoni tat-traffiku preżenti u dak propost kif ukoll konferma li saret konsultazzjoni mar-residenti effetwati. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku kellu laqgħa mar-rappreżentanti tar-residenti ta' Triq id-Duka ta' Edinburgh. Dawn minn naħa tagħhom oġezzjonaw li din issir *two-way*. Is-Sur C. Valletta u s-Sur G. Cuschieri spjegaw li huma wkoll kienu kontra li din issir *two-way*.

5.7 *Soċjeta Mużikali San Ġużepp – Riklam fil-fuljett tal-festa*

Il-Kunsill ġie mistieden jpoġġi riklam fil-fuljett tal-festa li ser jiġi stampat mis-Soċjeta Mużikali San Ġużepp. Il-Kunsill iddeċieda li jistenna l-kummenti tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel jibbukja xi riklam.

5.8 *MEPA - Laqgħa*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-MEPA fejn ic-Chairman stieden lill-Kunsill għal-laqgħa miegħu biex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi li jeżistu fil-Ħamrun. Ġie deċiż li l-Viċi Sindku jiltaqa' mac-Chairman.

5.9 *Ħamrun Liberty – Riklam fil-fuljett tal-festa*

Il-Kunsill ġie mistieden jpoġġi riklam fil-fuljett tal-festa li ser jiġi stampat mill-Ħamrun Liberty. Il-Kunsill iddeċieda li jistenna l-kummenti tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel jibbukja xi riklam.

5.10 *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Applikazzjoni Enerġija Alternattiva*

Il-Kunsilli Lokali li għandhom proġetti dwar l-enerġija u tibdil fil-klima ntalbu jinfurmaw lill-Assoċċjazzjoni bil-proġetti tagħhom sabiex issir applikazzjoni kollettiva mill-Assoċċjazzjoni f'isem il-Kunsilli Lokali. Il-proġett tal-*Alternative Energy* għall-uffiċċju tal-Kunsill diġa ġie finanzjat minn skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.11 *Sur Joseph Bezzina – Lotto Reserved*

Is-Sur Bezzina talab li jitniżlu l-ħinijiet tal-ftuħ fuq it-tabella li għandu għall-parkeġġ reservat bħala *Lotto Reciever* fi Triq Anton Buttigieg. Ġie deċiż li jitniżlu l-ħinijiet fuq it-tabella eżistenti.

5.12 *Transport Malta – Unapproved Road Markings*

Transport Malta talbet lill-Kunsill biex jitneħħew s-sinjali sofor li ġew *repainted* fi Triq Villambrosa wara li sar *patching*. Il-Kunsill iddeċieda li jitneħħew is-sinjali u li s-sidien tal-garaxxijiet jingħataw kopja ta' l-ittra li rċieva l-Kunsill mingħand Transport Malta.

5.13 *Dr. Johnaton Abela – Reserved Parking Bay fi Triq Ċensu Borg*

Il-Kunsill irċieva itra mingħand Dr. Abela fejn talab lill-Kunsill jinvestiga r-*Reserved Parking Bay* quddiem 20, Triq Ċensu Borg minħabba li l-persuna b'diżabilita' m'għadix tgħix f'din ir-residenza. Din ir-*Reserved Parking Bay* qed tintuża esklussivament mit-tifel tal-Persuna b'Diżabilita'. Ġie deċiż li dan il-każ jiġi riferut lill-Transport Malta għall-investigazzjoni.

5.14 *Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Lapida f'Ġieħ Kanonku Dun Ġorġ Bonello*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu li ser jitpoġġa ritratt tal-Kanonku Dun Ġorġ Bonello fis-Sagristija tal-Knisja tas-Samra bħalma hija l-prassi mal-Kappillani li jkunu servew fil-Parroċċa. Ġie deċiż li kopja tal-ittra tintbgħat lis-Sinjura Violet Galea.

5.15 *Transport Malta – Garaxx fi Triq Atocia*

Transport Malta infurmat lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mas-sid tal-garaxx 71, Triq Atocia ġie approvat li jsiru *double yellow lines* fil-ġenb tal-garaxx.

5.16 *Transport Malta – Residential Parking Scheme*

Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li wieħed mill-kundizzjonijiet biex tiġi estiża *Residential Parking Scheme* kienet li ssir konsultazzjoni ma' dawk kollha milquta. Huma talbu l-kummenti tal-Kunsill rigward oġġezzjonijiet li saru mill-MUT. Ġie nnotat li sallum għadu ma tlestix il-proċess ta' konsultazzjoni.

5.17 *Planning & Priorities Co-ordination Division - Proġett ESF 2.84*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku, Dr Arthur Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-PPCD rigward il-proġett *'Promoting Lifelong Learning Amongst Civil Society Organisations' Voluntary Staff.* Ġie notat li għalkemm 20 persuna bdew il-kors, kienu 7 biss li spiċċawh. Il-PPCD kienet lesta taċetta li jiġi estiż il-proġett sat-30 ta' Settembru f'każ li l-Kunsill jirnexxilu jiġbor parteċipanti biżżejjed biex jgħaqqad it-tieni klassi ta' 20 student. Mill-avviż li deher fil-fuljett tal-Kunsill kien hemm 11-il persuna interessata. Peress li l-fuljett ġie mqassam f'kull residenza ġewwa l-Ħamrun, il-Kunsill dehrlu li ma' kienx jagħmel sens li terġa titqassam *flyer* oħra bl-istess informazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda li ma ssirx it-tieni klassi sabiex ma jkomplix isiru spejjeż mingħajr bżonn.

5.18 *Supretendent Magri – Laqgħat mal-vittmi tal-kriminalita'*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Supretendent fejn spjega li jinħass il-bżonn li jsiru laqgħat ma' diversi vittmi tal-kriminalita' li jgħixu fil-Ħamrun.

Ġie suġġerit li l-laqgħat isiru waqt l-attivitajiet li l-Kunsill itella' matul is-sena għall-komunita', partikolarment l-anzjani. Huwa talab laqgħa f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi riferuta lill-Dr. P. Mifsud Bonnici. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob biex is-Supretendent jiġi mistieden għal laqgħa tal-Kunsill biex jiġu diskussi problemi ġenerali dwar infurżar fil-Ħamrun.

*5.19 Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni – Preżentazzjoni ta' Bukkett*

Il-Kunsill ġie mitlub jippreżenta bukket lill-Madonna nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2012 fl-10.00pm. is-Sinjura C. Borg ser tagħmel il-preżentazzjoni għan-nom tal-Kunsill.

*5.20 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Car Free Day*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill Lokali li din is-sena ser terġa' tiġi organizzata l-*European Mobility Week – Car Free Day 2012* bejn is-16 u 22 ta' Settembru. L-aħjar 10 proġetti proposti minn Kunsilli Lokali jingħataw *sponsorship* ta' €2000 –il wieħed. L-applikazzjonijiet iridu jsiru sas-16 ta' Lulju 2012. il-Kunsill approva li jissottometti applikazzjoni.

*5.21 Bicycle Advocacy Group – Bicycle Contra-flow proposal*

Il-Kunsill irċieva suġġeriment mill-BAG biex fi Triq il-Fatati issir passaġġ għal-bicycle contra-flow. Dan sabiex roti jukunu jistgħu jgħaddu kontra l-via tat-traffiku biex jaslu lejn l-Imsida. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għaliex Triq il-Fatati m'hix triq wiesa u għanda parkeġġ fiż-żewġ naħat tat-triq.

*5.22 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet Lifelong Learning*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li ġiet mnedija l-iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet *Lifelong Learning* 2012-13. il-Kunsill iddeċieda li jiġu organizzati korsijiet fil-livell bażiku fil-Malti, l-Ingliż u s-Somom.

*5.23 TCTC – Korsijiet tal-Kompjuters għall-Adulti /Anzjani*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru arranġamenti mal-Kumpanija TCTC biex f'Ottubru jiġu reklamati korsijiet tal-kompjuter għal-Adulti /Anzjani fil-Ħamrun.

*5.24 Residenti Triq Dun Nerik Cordina Perez – Kiosks tal-Festa*

Il-Kunsill irċieva ittra mir-residenti ta' Triq Dun Nerik Cordina Perez fejn talbu biex ma jinħarġux permessi lill-kiosks tal-ikel f'din it-Triq. Kiosks ta' tip ieħor jistgħu jarmaw bejn il-fond li qed jiġi żviluppat u Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill iddeċieda li jsir kif sar is-sena l-oħra.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 2*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Kap ta' l-Iskola San Ġorġ Preca fejn dan issuġġerixxa li t-toroq ta' madwar l-iskola jingħalqu temporanjament bi *bollards* fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ ta' l-iskola. Il-Kap ta' l-Iskola spjega li kien ser jidħol responsabbli biex il-*bollards* jitwaħlu u jitneħħew. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda talab li jinkiseb l-approvazzjoni tal-Pulizija.

- Iil-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat kien qed jipproponi proġett ta' tisbieħ bil-fjuri flimkien ma' l-Iskola San Ġorġ Preca. Il-Kunsill approva li jinġabru stimi f'dan ir-rigward.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa oħra mal-kuntrattur tal-knis dwar il-livell ta' servizz fil-Ħamrun. Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' titjib tas-servizz ta' knies fin-naħa ta' Blata l-Bajda.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Lino Buhagiar offra li jibda' jieħu ħsieb itella l-bandiera tal-Kunsill fil-wesgħa li hemm quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill.

*6.2 Sotto Kumitat 6*

- Is-Sur C. Valletta spjega li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jitlob estenzjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet għal waqt ic-*Chocolate Festival* ta' din is-sena.

- Is-Sur C. Valletta talab sabiex it-tema 'Attivitajiet tal-Milied' titpoġġa fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

*6.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana talab lill-Kunsillieri biex jibgħatu l-artikli tagħhom għall-fuljett ta' Awwissu 2012 sal-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2012.

*6.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg tablet sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' għalliema għal-studenti tal-Year 5.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed jaħdem biex jiġu organizzati Ħarġa għal-Għawdex, Ħarġa tal-Imnarja u Mawra Sqallija.

## 7. <u>Parkeġġ fi Triq id-Duka ta' Edinburgh</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kumpanija Parkwell kitbet lill-Kunsill fejn spjegat li minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti għandhom żewġ alternattivi; jew jiġi ffirmat il-kuntratt u l-kera tibda f'Settembru jew jiġi terminat il-Kuntratt. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill Dr. Justyne Caruana biex jinkiseb parir legali. Il-parir tal-Avukat kien li l-kuntratt jiġi ffirmat u jinbeda l-ħlas tal-kera. Għaldaqstant il-kumpanija Parkwell ingħatat żmien sal-20 ta' Ġunju iġifieri llum biex jiffirmaw il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ma sarx. Huwa spjega li s-Sindku kien kellem lill-Dr. Caruana dwar dan u hija qalet biex nistenew 24 siegħa. Ġie deċiż li l-Kunsill ikompli jmexxi fuq il-parir ta' l-avukat u jekk ikun hemm bżonn tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill.

## 8. <u>Għażla ta' Offerta – Pavement, Construction and Ancillary Works</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2012 infetħet il-kaxxa ta' l-offerti fil-preżenza tas-Sindku u l-Viċi Sindku instabet offerta waħda ta J&K Contractors Ltd.

Wara li ġew evalwati d-dokumenti ta' l-offerta irriżulta li dawn kienu jissodisfaw ir-rekweżiti mitluba mill-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament li l-Offerta Pavement, Construction and Ancillary Works tingħata lill-Kuntrattur J&K Contractors Ltd.

## 9. <u>Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – Jannar sa Diċembru 2011</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament l-istess Rapport Amministrattiv.

## 10. <u>Quarterly Financial Report – Jannar sa Marzu 2012</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar sa Marzu 2012. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju. Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar sa Marzu 2012.

## 11. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*11.1 Ħadida*

Il-Viċi Sindku ġie mitlub mir-resident li joqgħodu Triq id-Duka ta' Edinburgh k/m Triq San Gejtanu biex issir *railing* fil-kantuniera fi Triq San Gejtanu peress li diġa laqtulu l-gallarija. Ġie deċiż li ssir talba lill-Transport Malta.

*11.2 Belisha Light*

Is-Sur G. Cuschieri nforma lill-Kunsill li l-*Belisha Light* tal-*Pedestrian Crossing* fi Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem Pjazza San Pawl għadha nieqsa wara li daħlet vettura fl-arblu. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Enemalta f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li tinġabar stima għal-tabelli li jixgħelu bl-użu tas-*solar energy*.

*11.3 Tow Zone*

Is-Sur C. Valletta lmenta li t-*tow zone* quddiem Pjazza San Pawl mhix tiġi nfurzata. Dan il-punt għandu jiġi diskuss mal-Pulizija.

*11.4 Traffic Mirror – Triq il-Vittorja*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva talba biex issir *Traffic Mirror* fi Triq il-Vittorja faċċata ta' Triq Santa Marija. Il-Kunsill iddeċieda li m'hemmx ħtieġa ta' din it-*Traffic Mirror.*

*11.5 Traffic Mirror – Triq Giovanni Barbara*

Il-Viċi Sindku talab biex terġa titwaħħal it-*Traffic Mirror* li kien hemm fi Triq Giovanni Barbara k/m Triq San Gejtanu issa li x-xogħolijiet fuq id-dar fil-kantuniera tlestew.

*11.6 Raling*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Iskola Immaculate Conception kienu qed jitolbu li ssir *railing* quddiem il-bieb tal-kappella għal-raġunijiet ta' sigurta' għat-tfal. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-Transport Malta.

*11.7 Ħadid*

Is-Sur C. Valletta rċieva talba biex issir ħadida fuq il-bankina quddiem 16, Triq Anton Buttiġieġ u 22, Triq Fra Diegu. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*11.8 Ħadida fi Triq Anton Buttiġieġ*

Il-Viċi Sindku talab li jiġi miżbugħ il-ħadid fi Triq Anton Buttiġieġ. Ġie deċiż li qabel jinżebgħu jiġi konfermat jekk hux ser jitneħħew.

*11.9 Bankina Perikoluża*

Is-Sur M. Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward wiċċ tal-bankina perikoluża ħdejn John's Garage fi Triq Villambrosa. Ġie deċiż li peress li l-post jinsab għal bejgħ, għanda tiġi rranġata temporanjament il-wiċċ tal-bankina.

Fit-8.30pm il-Kunsill approva unanimament li titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

*11.10 Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar*

Is-Sur M. Caruana ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li ssir manutenzjoni ta' Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.

*11.11 Tabella fi Triq Fra Diegu*

Is-Sur M. Caruana ġie mitlub minn resident fi Triq Fra Diegu biex titressaq tabella li hemm fuq il-faċċata tar-residenza tiegħu peress li din hija viċin ħafna tal-bieb ta' barra. Ġie deċiż li din titpoġġa fuq arblu.

*11.12 Triq Willie Attard*

Il-Viċi Sindku talab biex isir re-painting tar-*road markings* fi Triq Willie Attard.

*11.13 Rotta ta' l-Arriva f'Tar-Rabbat*

Is-Sinjura C. Borg rċeviet diversi talbiet biex ikun hemm servizz tal-karozza tal-linja minn Tar-Rabbat lejn Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie deċiż li ssir talba lill-Transport Malta f'dan ir-rigward.

**12. <u>Schedule of Payments</u>**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sa l-20 ta' Ġunju 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**13. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.50pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA